Minuti tas-seduta numru wieħed u sittin (61) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 5 t'April 2023 fis-6:00pm fl-Uffiċċju Muniċipali ġewwa 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

Preżenti: Is-Sur Sandro Craus — Sindku
Is-Sur Matthew Chetcuti — Viċi Sindku
Is-Sur Nazju Cassar — Kunsillier
Is-Sa Janice Busuttil — Kunsillier
Is-Sur Chris Farrugia — Kunsillier
Is-Sur Rudolph Grima — Kunsillier
Is-Sur Norbert Grech — Kunsillier
Is-Sur Anthony Bonello — Segretarju Eżekuttiv

Skużati: Is-Sa Doris Coleiro — Kunsillier

Din il-laqgħa issejħet b'urġenza minħabba li bħalissa għaddej ix-xogħol fi Triq il-Kbira minn Infrastruttura Malta u tirrigwardja l-alignment ta' bankina li bħalissa għaddej ix-xogħol fuqha.

| | | |
|---|---|---|
| 61.01 | ***Alignment* ġdid *b'build out* fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq San Pawl**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva l-build out proposta mill-Perit David Vassallo A & CE għal Infrastruttura Malta kif qed ikun muri ma dawn il-minuti. Dan il-build out se jkun qed jakkomoda mhux biss lill-pedonali li jkunu mexjin fuq il-bankina speċjalment il-bosta turisti li jkun hemm fl-inħawi iżda wkoll lill-ħwienet tal-ikel prinċipalment Il-Baxa u is-Santa Lucia. Dawn iż-żewġ entitajiet kummerċjali li jinsabu imissu ma' xulxin huma ħwienet f'postijiet strateġiċi u fl-istess ħin fi Triq mill-aktar traffikuża. Il-Kunsill iħoss li kellu jittieħed dan il-pass fi żmien propiżju biex fl-istess ħin titneħħa dik l-ispeċi ta' gaġġa li kien hemm qabel bin-niex jieklu fiha. Din l-istruttura tal-ħadid kienet verament perikoluża għaliex persuna li tinqabad warajha kellha ċansijiet kbar li tingħasar ma' xi vettura li tkun ġejja bi speed eċċessiv jew vettura kummerċjali (delivery trucjks) li ma tkunx tista' tara min hu għaddej. | Build Out fi Triq il-Kbira |
| 61.02 | **Proposta ta' Roundabout fi Triq Tabija**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat fil-fatt kien hu tal-ideja li titpoġġa struttura bħala traffic management device biex titnaqqas il-veloċità eċċessiva li qed ikun hemm fl-inħawi ta' Għajn Qajjet. Id-diżinn li kien ipprovdut lilna minn *Transport Malta* kien approvat mil-kunsillieri preżenti | Roundabout f'Għajn Qajjet – Triq Tabija |

| | | |
|---|---|---|
| | unanimament. Dan id-diżinn fuq folja annessa qed jittieħed bħala parti mill-minuti ta' din il-laqgħa filwaqt li kien deċiż illi jitqajmu dawn il-punti li għandna bżonn klarifika tagħhom qabel ma jkun effettivament attwat minn TM.<br>(i) Jekk ir-roundabout hux se tkun mountable u jekk hux se jkun fiha it-tabelli tal-45 degrees faċċata ta' Vjal il-Ħaddiem, il-By-Pass tal-Imtarfa u Triq Tabija.<br>(ii) Jekk hux se jiċċekknu l-bankina kemm-il darba din ir-roundabout se tkun kostruwita bil-kurduna u l-konkos minħabba t-turning circle minn vetturi tqal u tal-Linja.<br>(iii) Jekk is-Central Strip f'forma ta' mqaret humiex se jkunu wkoll mountable jew impenġija mal-art jew mibnija bil-kurduna u l-konkos u jekk hux se jkunu soft area u imdawwla (illuminazzjoni riflettiva) | |
| 61.03 | **Triq ir-Rebħa**<br>Preżentement Triq ir-Rebħa saru fiha xogħlijiet ta' trinek biex iddaħħal cable tad-dawl mis-sub station fin-naħa t'isfel sa Triq il-Kbira. Wara dawn ix-xogħlijiet daħlu wkoll jaħdmu il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma billi ħaffru wkoll anke saħansitra l-bankini.<br><br>Madankollu r-reinstatement approvat minn Transport Malta kien tali illi jinkesa biss fuq it-trinka u mhux il-wisgħa tat-triq kollha ikif xtaq il-Kunsill. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi talab stima lill-kuntrattur imqabbad mill-Korporazzjoni Enemalta biex naraw kemm tiswina kemm-il darba l-Kunsill Lokali tar-Rabat jiddeċiedi li jiffinanzja din il-parti addizzjonali għal dawk maqbul minn Transport Malta. L-ammont tela' għal madwar €30,000 li ma nistgħux nagħmlu direct order mal-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta. Għaldaqstant kien deċiż illi nistaqsu għar-rati tal-Korporazjoni Enemalta biex dan l-arranġament isir ma' din il-Korporazzjoni u mhux direttament mal-kuntrattur li ħa l-istess offerta tagħhom. | Triq ir-Rebħa |
| | **Punti Oħra** | |
| 61.04 | **Bandli tal-Baħrija**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-bandli (logħob) fil-Baħrija għandhom bżonn li jiġu mibdula bit-tapit b'kollox. Dwar dawn il-bandli hu kellem lill-kuntrattur Gokker li għadu kemm temm ix-xogħol bit-twaħħil ta' bandli ġodda fi Ġnien Bir Iljun, u dan ta' ħames proposti. Il-kunsillieri rawhom bir-reqqa kollha u minkejja li l-orħos u l-ewwel proposta kienet waħda fqira li ma ntogħġboġx, kien maqbul li tkun ippreparata offerta pubblika biex jinbidlu dawn il-logħob; żewġ bandli u oħra għal persuni b'diżabilità, see-saw ta' erbat itfal, struttura b'żurżieqa jew tnejn u żewġ spring riders. | |
| 61.05 | **Traffic Management – Town Planning** | Town Planning |

| | | |
|---|---|---|
| | Is-Sur Rudolph Grima tkellem fit-tul dwar kif is-settur kummerċjali, cioe' il-ħwienet li qed ikollhom jew mużika għolja u/jew imwejjed u siġġijiet barra qed ikunu ta' nkonvenjent għar-residenti, b'tali mod illi dawn il-povri saħansitra qed ikollhom iħallu r-Rabat u jfittxu xi mkien ieħor aktar kwiet u li jilqagħhom. Issemmew anke minn kunsillieri oħra postijiet fir-Rabat li teżisti din il-problema fejn is-settur kummerċjali ''ħa over'' ir-resident; fosthom Triq Santu Wistin, inkonvenjent fi Triq Santa Rita u toroq oħrajn. Hu saħaq li l-KLR għandu jsib bilanċ bejn ir-residenti u l-entitajiet kummerċjali.<br><br>Kien deċiż illi jiġi mqabbad town planner fejn ikun kummissjonat rapport sabiex żoni fejn ma rridux li s-settur kummerċjali jespandi ikun elenkat mil-bidu nett u jkunu jafu bih l-awtoritajiet li jagħtu dawn il-permessi – l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar kif il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien ikkummissjoni r-rapport magħruf mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bħala Slow Streets li jista' jagħti ideja dwar town planning u li se jkun ċirkolat mal-kunsillieri mil-ġdid.<br><br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat dam jiddiskuti din il-materja sat-8:15pm fejn aġġorna. | Aġġorname nt |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 18/4/2023 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku